# KIEN PRESIDENT TAL-GĦAQDA MUŻIKALI L'ISLE ADAM



**Onor. Sir Philip Pullicino Kt., (1885-1960), miet 30 sena ilu, kien president tas-Soċjetà Filarmonika L'Isle Adam bejn is-sena 1926 u 1928, kemm dam f'din il-kariga fuq il-pariri tiegħu, bħala Imħallef intelliġenti u bil-għaqal li kien, is-Soċjetà aġġornat għaż-żmenijiet presenti ta' dak iż-żmien.**

# KIEN SURMAST TAL-BANDA L'ISLE ADAM

Is-Surmast Ġużeppi Stivala, miet fid-9 ta' Mejju 1950, meta kellu biss 53 sena, hu twieled in-Naxxar. Din is-sena imfakkru l-40 Anniversarju mill-mewt tiegħu.

Is-Surmast Stivala, kellu l-Banda L'Isle Adam f'idejh darbtejn: mill-1936 sal-1939 u mill-1945 sal-1950. Hu jinsab midfun fil-Kannirja tas-Santwarju ta' San Ġużepp tar-Rabat, fil-qabar Nru.6, mal-Fratelli Ġużeppini sħabu.

Bust tiegħu jinsab fis-Sala tal-Każin tal-Banda L'Isle Adam, xogħol ta' l-Artist Ġużeppin Rabti, is-Sur Anton Agius. Tagħrif dettaljat fuq dan il-qatt minsi Direttur tal-Mużika, jinsab fuq żewġ paġni 32 u 33 fil-ktieb tal-festa ta' San Ġużepp tas-sena l-oħra (1989).

# GRAZZI LIL FR. PATRICK ABELA O.Carm. (1933-1989)



Jekk l-Ordni Karmelitan tilef wieħed mill-Patrijiet fil-veru sens tal-kelma, li dejjem qedgħa dmiru w b'għemilu ferrieħi, dejjem kien xempju fost is-Soċjetà, dan kien Patri Patrick Abela.

Jiena li għamilta ma' dan il-Patri għal snin sħaħ, kont naf min hu, iżda f'dan il-ktieb mhux il-post li ngħid l-esperjenza tiegħi fuq dan il-bniedem li għex jagħmel il-pjaċiri lil kulmin kien jafu. Patri Patrick daqs kemm kien iħobb lil Madonna, daqst tant ieħor kien devot ta' San Ġużepp. Jiena bħala responsabbli minn dan il-ktieb li noħroġ ta' kull sena għal festa ta' San Ġużepp naf kemm Fr. Patrick kien jieħu interess daqsi, fil-materjal ta' dan il-ktieb, min jaf kemm ipprovdieli artikoli fuq San Ġużepp li ġew stampati mhux biss hawn iżda wkoll fil-Fuljett "Is-Santwarju ta' San Ġużepp". Ritratti kien jieħu films sħaħ għall-użu tagħna u qatt ma kien ikun irid l-ebda ħlas.

Fuq Fr. Patrick għandi ħafna paġni xi nikteb fuq dak li rajt u kemm ġrejt miegħu mhux biss fuq din il-linja li qed nikteb fuqha, u l-Bambin biss jaf kemm bil-pariri tiegħu (dejjem b'tema ċajtiera) kemm ferraħ qlub miġugħha.

Biex naraw kemm kien devot ta' San Ġużepp ser nieħu silta minn żewġ paġni li ġew miktubin dwar Fr Patrick bħala apprezzament wara mewt, meħuda mir-rivista tal-Leġjun ta' Marija: il-Vexillina ta' Jannar/Frar 1990 Paġna 5: Fr. Patrick kien devot ħafna ta' San Ġużepp. L-ewwel qoxra tal-Vexillina li ħa ħsieb hu disa' snin ilu kienet dedikata lilu. Baqgħet impressjonata f'moħħi meta mort narah għall-ewwel darba fl-ITU wara żewġ operazzjonijiet serji. Ħadtlu l-ħarga ta' Marzu/April 1989. Kien batut immens, bilkemm seta jiċċaqlaq, lanqas kien jiflaħ jerfa' kuċċarina. Meta ra l-faċċata, li ukoll kienet iddedikata lil San Ġużepp, għajnejh bħal xegħlu, u bi tbatija kbira ressaq il-kopja lejn fommu biex ibus lil San Ġużepp minn wara l-maskra tan-nifs li kellu madwar wiċċu.